# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 40

L-Erbgha, 25 ta' Novembru, 2010

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 31 Triq Nofsinhar, fl-4.00 p.m.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku, il-Vici Sindku u l-Kunsillieri Raymond Azzopardi, Peter Buontempo u Vince Farrugia.

Il-Kunsillier Camenzuli informa li kien ser ikun imsiefer filwaqt li l-Kunsillier Borg infurmat li kienet ser tkun xoghol u ghalhekk gew skuzati.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**MINUTI**

Il-minuti tas-Seduta Nru. 39 li saret nhar l-Erbgha, 3 ta' Novembru, 2010 kienu konfermati.

**HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

Dwar il-problemi f'Old Wells Street ikkawzati mill-attivitajiet f'Dar il-Mediterran, il-Pulizija kienet kellmet lic-chairman ta' Dar il-Mediterran dwar dan u minn dakinhar ma jidhirx li kien hemm aktar ilmenti.

Dwar ix-xoghol mehtieg fil-kunvent ta' l-Ursolni, is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Ministeru kien baghat Perit jara xi jrid isir u bhalissa qed jinxtara l-materjal.

**L-OFFERTI GHAS-SERVIZZ TA' ACCOUNTANT**

Il-Kunsill ircieva tliet offerti ghal dan is-servizz. Dawn kienu:

Erremme Options b'offerta ta' €3,000 fis-sena
Lawrence Cauchi b'offerta ta' €15,000 fis-sena u 5% zjieda kull sena
Grant Thornton b'offerta ta' €11,500 fis-sena.

Minhabba li wahda mir-rekwiziti mitluba kienet li min hu nteressat ghandu jkollu mill-inqas erba' snin esperjenza fil-qasam tal-finanzi tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill skwalifika l-offerta ta' Erremme Options minhabba li dawn ilhom biss din l-ahhar sena jahdmu f'dan il-qasam.

Ghaldaqstant, bejn iz-zewg offerti li kien fadal, il-Kunsill unanimament ghazel l-irhas wahda u cioe` ta' Grant Thornton bi prezz ta' €11,500 fis-sena. Barra li hija l-irhas, kien hemm qbil li din il-kumpanija ghandha esperjenza vasta fil-qasam tal-Kunsilli Lokali u tati servizz ta' accountancy lil numru kbir ta' azjendi stabbiliti.

**L-OFFERTI GHAS-SERVIZZ TA' IT SPECIALIST**

Il-Kunsill ircieva zewg offerti ghal dan is-servizz. Dawn kienu:

Duncan Grima b'offerta ta' €19.50 kull siegha u
Dylan Seychell b'offerta ta' €15.00 kull siegha.

Il-Kunsillier Azzopardi staqsa kemm se jkun il-budget fis-sena ghal dan is-servizz. Is-Sindku qal li rridu naraw kemm se jiehu hin ghal formulazzjoni tat-tender ta' l-LCD's. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien se jressaq id-draft ghal budget fil-laqghat li gejjin u l-Kunsill ikun jista' jiddeciedi dwar l-ammont li se jigi allokat ghal dan is-servizz.

Il-Kunsillier Azzopardi staqsa wkoll minfejn kien ser jaghti s-servizz dan il-persuna sabiex il-Kunsill ikun jista' jzomm kontroll fuq is-sieghat li jkun qed jahdem. Is-Sindku

wiegeb li dan ikun deciz mill-Kunsill izda jekk ikun deciz li jahdem mill-Kunsill, ikun mitlub jaghmel hekk. Kien hemm qbil li dan is-servizz jinghata mill-Kunsill.

Bi qbil unanimu, il-Kunsill ghazel l-irhas offerta u cioe` dik ta' Dylan Seychell b'rata ta' €15.00 kull siegha.

**KWOTAZZJONIJIET GHAL PROVEDIMENT U TWAHHIL TA' ARBLU**

Il-Kunsill ircieva zewg kwotazzjonijiet ghal dan. Dawn kienu:

Alan Cutajar bi kwotazzjoni ta' €3,900 VAT inkluz u
Ivan Cutajar bi kwotazzjoni ta' €4,312 VAT inkluz.

Il-Kunsill unanimament ghazel l-irhas kwotazzjoni u cioe` dik ta' Alan Cutajar bi prezz ta' €3,900 VAT inkluz.

**KWOTAZZJONIJIET GHAT-THAFFIR GHAL BAZI TA' ARBLU**

Il-Kunsill ircieva zewg kwotazzjonijiet ghal dan. Dawn kienu:

Tarcisio Saliba bi kwotazzjoni ta' €2,000 VAT inkluz u
Asfaltar Ltd bi kwotazzjoni ta' €14,900 VAT inkluz.

Il-Kunsill unanimament ghazel l-irhas kwotazzjoni u cioe` dik ta' Tarcisio Saliba bi prezz ta' €2,000 VAT inkluz.

**KORRISPONDENZA**

Inqraw l-ittri l-aktar rilevanti.

- Il-Kunsill qabel li jipproponi fil-pozittiv sabiex isir parkegg riservat ghal persuni b'dizabilita` quddiem 177, Triq San Kristofru;

- Il-Kunsill laqa' l-proposta tal-Ghaqda Hbieb tal-Presepju sabiex isir poggaman fi Triq Melita mal-hajt tal-Knisja ta' San Frangisk;

F'dan l-istadju irtira mil-laqgha il-Kunsillier Farrugia.

**KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

***L-Attivita` ta' New Year's Eve***
Is-Sindku nforma li l-Kunsill kien ser ihallas it-tindif ta' wara l-attivita` kif ukoll is-servizz tal-First Aid.

Informa wkoll li kienet ser tintuza l-bitha tal-Palazz tal-President bhala area ghat-tfal.

Kien hemm qbil dwar dan.

***LCD screens***
Is-Sindku informa li kien hareg mill-MEPA, wiehed mill-permessi ghal LCD screens. L-ohrajn ghandhom johorgu fil-granet li gejjin.

***Peacock Garden u Pjazza Mattia Preti***
L-applikazzjoni ta' Peacock Garden kienet tressqet quddiem il-Bord tal-MEPA izda qed tintalab aktar informazzjoni fiilwaqt li l-permess ta' Pjazza Mattia Preti se jitressaq fit-30 ta' Novembru.

***Survey tal-Main Guard***
Is-Sindku ssugerixxa li jsir survey tal-Main Guard sabiex dan ikun lest sakemm jghaddi ghand il-Kunsill dan il-post.

Il-Kunsillier Azzopardi qal li jkun ahjar li l-Kunsill jistenna sakemm dan il-post ikun ufficjalment tieghu qabel isir is-survey.

Fuq proposta tal-Kunsillier Buontempo kien hemm qbil li l-Kunsill l-ewwel ghandu jara l-post qabel isir is-survey. Kien hemm qbil dwar dan.

**MISTOQSIJIET**

Il-Kunsillier Buontempo staqsa lis-Sindku min kien ta l-ordni sabiex titressaq hdejn il-knisja ta' San Pawl un/loading bay.

Is-Sindku wiegeb li kien qed ikollu diversi complaints minghand tal-hwienet li mhux qed isibu dan il-post vojt u talab lill-haddiema sabiex imexxu ftit il-post.

Il-Kunsillier Buontempo issugerixxa li l-un/loading bay ghandha tmur fejn kienet u kien hemm qbil dwar dan.

**AWTORIZAZZJONI GHAX-XIRI TA' OGGETTI/SERVIZZI**

Il-Kunsill qabel li jsiru zewg bollards quddiem il-funtana li hemm Dahlet Gnien is-Sultan sabiex ma tibqax tigi milquta mill-vetturi.

**AWTORIZAZZJONI GHALL-IFFIRMAR TA' L-ORDNIJIET GHAL HLASIJIET**

Tressqet quddiem il-Kunsill il-lista ghall-awtorizzar ghall-iffirmar ta' l-ordnijiet ghal hlasijiet.

Il-Kunsillier Azzopardi qal li l-pagamenti b'Rif. Nru. A.VI/40-56 u A.VI/40-57 lill-Perit Chris Briffa m'ghandhom isiru minhabba li meta ghamel prezentazzjoni dwar dan il-

progett huwa kienn iddikjara li l-Kunsill mhux se jehel l-ebda spejjez relatati mal-Manoel Guest House. Huwa qal li l-Kunsill ma kienx infurmat b'dawn l-ispejjez u jekk kien ser ikun hemm xi spejjez missu nforma lill-Kunsill dakinhar tal-laqgha mieghu. Ghalhekk sostna li dawn m'ghandhomx jithallsu.

Is-Sindku wiegeb li l-Perit kien qed jitkellem ghall-ispejjez professjonali tieghu. L-ispejjez tal-progett bhal ipprintjar m'ghandhomx jithallsu mill-perit innifsu u ghalhekk jaqbel li ghandhom jigu approvati mill-Kunsill.

Il-Kunsillier Azzopardi baqa' jsostni li ma jaqbilx.

Il-Kunsill awtorizza unanimament l-iffirmar ta' l-ordnijiet ghal hlasijiet kif imnizzla fil-lista annessa, hlief ghall-pagamenti Nru. A.VI/40-56 u A.VI/40-57 li ma gewx awtorizzati b'mod unanimu minhabba l-pozizzjoni tal-Kunsillier Azzopardi.

**TMIEM**

Fil-5.00pm il-Kunsill aggorna ghal nhar il-Hamis, 16 ta' Dicembru, 2010 fl-4.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku